# Kwadru tal-Viżitazzjoni tal-Madonna fil-Knisja tal-Portu Salvu fil-Belt Valletta



- Mario Fenech -

Wieħed mill-Kwadri sbieħ antiki li hemm fil-Knisja tal-Portu Salvu fil-Belt Valletta li hija mmexxija mill-Patrijiet Dumikani huwa dak tal-Artist Pietro Paolo Caruana (1794 – 1852).

F'dan il-kwadru l-Artist pinġa x-xena tal-Viżitazzjoni tal-Madonna lill-qariba tagħha Santa Elizabbetta. Dan huwa wieħed mill-ftit xogħlijiet li għamel l-Artist matul il-karriera artistika tiegħu għall-knejjes tagħna.

Caruana kien beda l-istudji tiegħu fl-Arti ta' età żgħira f'Ruma meta kien għad kellu 25 sena. Kemm dam f'Ruma huwa kiseb fama t'artist tajjeb permezz ta' xogħlijiet li pinġa hemmhekk. Lura f'Malta fis-sena 1831 huwa kien ġie maħtur Professur fl-Iskola tal-Arti.

Għamel bosta xogħlijiet għal kollezzjonijiet privati u baqa' jaħdem sakemm miet nhar it-23 ta' April 1852. Ġie midfun fl-istess Knisja tal-Portu Salvu fejn hemm dan il-Kwadru tal-Viżitazzjoni tal-Madonna.

F'dan ix-xogħol huwa kellu l-kapaċità mhux biss li jimla kull parti tat-tila b'dettalji interessanti, iżda wkoll b'kuluri sbieħ l-aktar fejn huwa xtaq li jkun hemm l-attenzjoni tal-għajn ta' dak li jieqaf quddiem il-Kwadru.



Fiċ-ċentru tal-Kwadru, il-Madonna u Elizabbetta jifirħu b'xulxin bl-espressjoni fuq il-wiċċ tagħhom imfissra bħala waħda ta' ferħ u stennija. Ftit lura minn din ix-xena fuq in-naħa tax-xellug tat-tila, il-figura ta' San Ġużepp qiegħed iġorr is-sorra tal-ħwejjeġ filwaqt li qiegħed iżomm ir-riedni tal-ħmara. Fuq in-naħa tal-lemin, il-figura ta' Żakkarija, li b'idejh il-leminija qiegħed jistieden lill-Madonna biex din tidħol fid-dar tiegħu.

Wieħed jinnota li filwaqt li l-ilbies tal-Madonna u San Ġużepp huwa umli, nieqes mingħajr ħafna tiżjin, il-ħwejjeġ tal-koppla Żakkarija u Elizabbetta huma ppreżentati b'mod elaborat b'kuluri u disinji li jfakkruk fl-ilbies li kien jintuża fl-Italja fl-epoka li fiha l-Artist Caruana kien għamel jistudja f'Ruma. Jista' jkun li dan kien il-frott tal-impatt li kien għamel fuq Caruana t-tagħlim tiegħu fl-Arti barra minn Malta. Dan narawh ukoll għall-fatt li fil-bogħod fix-xena fuq l-għolja huwa pinġa żewġ djar kbar bis-saqaf żurżieqa l-istess bħal dawk li wieħed jara fl-Italja mibnija matul is-Seklu Dsatax.

Suġġett interessanti fi kwadru li għalkemm mad-daqqa t'għajn wieħed jara li għandu suġġett magħruf sew, fih messaġġi interessanti mwassla b'tant kapaċità mill-Artist permezz tal-ħsibijiet tiegħu fuq din it-tila.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.